

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”) u tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tad-dritt għal smigħ u tad-dritt tad-difiża u tad-dmir ta' premura, li hija vvizjata bih id-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ, jiġifieri d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tiġi miċħuda l-applikazzjoni għal assistenza tar-rikorrenti.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni, fuq il-ksur tal-Artikolu 31 tal-Karta, tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u tad-dmir ta' premura.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2018 – Gruppo Armonie vs EUIPO (ARMONIE)****(Kawża T-88/18)**

(2018/C 134/41)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrenti: Gruppo Armonie SpA (Casalgrande, l-Italja) (rappreżentant: G. Medri, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni “ARMONIE” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 430 068

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 2063/2017-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2018 – Guiral Broto vs EUIPO – Gastro & Soul (Café del Sol)****(Kawża T-89/18)**

(2018/C 134/42)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrent: Ramón Guiral Broto (Marbella, Spanja) (rappreżentant: J. de Castro Hermida, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Gastro & Soul GmbH (Hildesheim, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Café del Sol” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 6 105 985

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1095/2017-4

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni kkontestata, billi tiddikjara n-natura fondata tal-oppożizzjoni bbażata fuq it-trade mark prijoritarja li l-opponent, Ramón Guiral Broto, huwa proprjetarju tagħha, jiġifieri t-trade mark Spanjola Nru 2348110, fil-klassi 42 tal-Klassifikazzjoni ta' Nice.
- tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li ħadet l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 6 105 985 CAFÉ DEL SOL, għal “servizzi għal provvista ta' ikel u xorb, akkomodazzjoni temporanja u catering”, fil-klassi 43 tal-Klassifikazzjoni ta' Nice, magħmula mill-kumpanija kummerċjali Ġermaniża GASTRO & SOUL GmbH, minħabba probabbiltà ta' konfużjoni għall-konsumatur li tirriżulta mill-eżistenza taż-żewġ trade marks inkwistjoni, minħabba l-allegat xebh verbali u l-identikità fl-applikazzjoni tagħhom; jew, jekk il-Qorti Ġenerali ma tkunx kompetenti li tagħmel hekk, tibgħat lura t-tilwima lill-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern u tikkunsidra l-oppożizzjoni fondata.
- sussidjarjament, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata minħabba nuqqas ta' konsistenza u ksur tad-drittijiet tad-difiża u ċ-ċertezza legali tar-rikorrent, wara li għet espressament miċħuda lilu l-possibbiltà li jipprovi traduzzjoni sħiħa tat-trade mark prijoritarja preċedenti permezz tar-Rikors Nru 1095/2017-4, li jfixkel b'dan il-mod wieħed mill-għanijiet fundamentali li kellu r-rinviju mill-ġdid tal-każ quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO deċiż b'sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-548/15, li tat rinviju mill-ġdid għall-Bord tal-Appell tal-EUIPO sabiex tippermetti tali rettifika u konsegwentement ir-rikors jiġi deċiż.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2018 – Guiral Broto vs EUIPO – Gastro & Soul (CAFE DEL SOL)

(Kawża T-90/18)

(2018/C 134/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

### Partijiet

*Rikorrent*: Ramón Guiral Broto (Marbella, Spanja) (rappreżentant: J. de Castro Hermida, avukat)

*Konvenut*: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell*: Gastro & Soul GmbH (Hildesheim, il-Ġermanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża*: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Café del Sol – Trade mark tal-Unjoni Nru 6 104 608

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1096/2017-4